MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 388/2003

**Vivienne Pace**

**vs**

**1. Joseph Borg**
**2. Citadel Insurance plc**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-atturi fil-15 ta' April, 2003, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet illi:

Fit-3 ta' Mejju, 2001, l-istanti kienet involuta f'incident stradali mal-konvenut Joseph Borg u *oltre* l-hsara mgarrba mill-*car* taghha l-istanti sfat ukoll imwegga u permanentement dizabilita' parzjalment.

F’incident il-vettura li kien isuq Joseph Borg kienet assikurata mas-socjeta’ konvenuta, Citadel Insurance plc *a termini* tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara l-incident l-imsemmi il-konvenuti accettaw responsabilita’ ghall-incident u l-istanti thallset tal-hsara fil-*car* taghha.

Il-kontendenti ma waslux fi ftehim fir-rigward tad-danni li jirrigwardaw id-debilitazzjoni permanenti parzjali.

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. tillikwida l-ammont ta’ danni dovut lill-attrici minhabba d-debilitazzjoni fizika permanenti parzjali li hi garrbet fl-incident stradali imsemmi u d-danni relativi u sussegwenti ghal dan.

2. tikkundanna lil-konvenuti *in solidum* biex ihallsuha l-ammont ta’ danni hekk likwidat.

Bl-ispejjes, komprizi Lm34.50 tal-konsulent u ittri u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-noti tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li *in forza* taghha eccepew illi:

Preliminarjament, limitatament *in kwantu* jikkoncerna s-socjeta’ konvenuta hija teccepixxi li m’hijiex il-legittimu kontradittur tal-kawza odjerna *stante* li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attrici u l-istess socjeta’ konvenuta;

Bla pregudizzju ghall-premess, *in kwantu* jikkoncerna kemm lis-socjeta’ konvenuta kif ukoll il-konvenut Borg Joseph, huma accettaw r-responsabilita’ tal-incident awtomobilistiku msemmi fic-citazzjoni, *pero’* jikkontestaw l-ammont esagerat tad-danni reklamati li taghhom trid issir prova, u fi kwalunkwe kaz l-eccipjenti m’ghandhomx ibaghtu spejjez gudizzjarji;

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-31 ta' Ottubru, 2003, li *in forza* tieghu inhatret bhala perit mediku Dr. Victoria Ann Mifsud sabiex din tezamina lill-istess attrici u tirrelata fuq id-dizabilita' permanenti allegata minnha;

Rat ir-rapport ippresentat mill-perit mediku fit-28 ta' Jannar, 2004, u minnha mahluf fit-23 ta' Marzu, 2004;

Rat it-talba mressqa mill-konvenuti ghal-eskussjoni tal-perit mediku;

Rat it-twegibiet bil-miktub li issottomettiet il-perit mediku;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna incident automobilistiku li sehh fit-Triq Dicembru Tlettax, il-Marsa, fit-3 ta' Mejju, 2003. L-attrici kienet qed isuq vettura tat-tip Subaru numru JAZ-882 fil-korsija ta' mas-*centre strip*, fil-waqt li l-konvenut baqa' diehel go fiha minn wara waqt li hu kien qed isuq karozza tat-tip Mazda 323 numru THE-805. Il-vettura tal-attrici tqabbzet ghal fuq is-*centre strip* u spiccat *in parti* fil-karreggjata fid-direzzjoni opposta, u habtet ma' karozza Peugeot li kienet qed tinstaq fid-direzzjoni opposta. Kemm il-konvenut kif ukoll is-socjeta' assikuratrici tieghu, accettaw ir-responsabilita' tal-incident imsemmi. Din l-ammissjoni twaqqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta'

konvenuta, ghax la darba din accettat ir-responsabilita' (kif ikkonferma Dr. Edmond Zammit Lafera, ir-rappresentant tas-socjeta' konvenuta), dahlet f'relazzjoni diretta mal-attrici li tirrifondilha d-danni li hi sofriet (ara "Vassallo vs Pace noe", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Mejju, 1965).

Il-konvenuti qed jikkontestaw biss il-*quantum* tad-danni, peress li qiesu l-pretensjonijiet attrici bhala esagerati. L-attrici, bhala danni, tippretendi kemm *damnum emergens*, kif ukoll *lucrum cessans*.

L-attrici resqet prospett ta' spejjes minnha inkorsi, u fil-waqt li dawn gew ikkonfermati minnha, il-maggoranza tal-ispejjes ma gewx sostenuti b'ircevuta ufficcjali. Il-Qorti, fil-fatt, ma tistax taccetta s-somma ta' Lm420 allegatament mhallsa lill-*cleaner*. Mhux biss il-*cleaner* ma ssemmietx u ma tressqetx bhala xhud biex tikkonferma l-hlas, izda ma giex muri jekk l-ingagg kienx regolari u kif trid il-ligi (ghax altrimenti l-*causa* tal-obbligazzjoni tkun illecita: ara "Galea vs Darmanin", decisa minn din il-Qorti fit-18 ta' Marzu, 1946), u lanqas ma intwera li l-htiega ta' *cleaner* kien mehtieg u indispensabbli b'rizultat tal-griehi li sofriet l-attrici fl-incident. It-*travelling expenses* allegatament inkorsi minn Gemma Spiteri ukoll ma jistghux jinghataw, anke peress li dawk l-ispejjes, f'kull kaz, ma gewx inkorsi mill-attrici, izda minn terza persuna li mhux qed tirreklamhom f'din il-kawza. It-*tips* allegatament imhallsa lil tal-*grocer*, tal-haxix u tal-laham ma gewx sostnuti u ippruvati; lanqas ma intwera l-iskop ta' dan il-hlas u jekk kienitx tezisti l-htiega tieghu. L-ispejjes l-ohra reklamati huma korroborati b'ircevuti ufficcjali jew huma verosimili u realistici. L-ammont ta' spejjes totali li l-Qorti qed taccetta bhala li ghandhom jithallsu lura lill-attrici taht dan il-kap huwa ta' Lm212.

Ghar-rigward tat-talba ghal-*lucrum cessans*, jirrizulta li l-attrici kellha 59 sena meta sehh l-incident u kienet *special education teacher* mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Hi kellha salarju gross ta' Lm6607 fis-sena, Wara l-incident, kompliet tahdem mad-dipartiment fuq *light duties* sakemm

irtirat bl-eta' ta' 61 sena; illum hi qed tiehu l-pensjoni marbuta mal-impieg taghha minghajr ebda tnaqqis.

Il-fatt li l-attrici, wara l-incident, zammet il-*job* li kellha, ma sofrietx tnaqqis fil-paga, u lanqas ma sofriet xi deprezzament fil-pensjoni taghha, ma jtellifhiex mid-dritt li tiehu kumpens (ara "Magro vs Busuttil", decisa minn din il-Qorti fid-8 ta' Dicembru, 1982, u "Gatt vs Carbone noe", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju, 1998). Fil-fatt, il-kontestazzjoni principali tal-konvenuti, tolqot l-aktar il-percentagg ta' dizabilita' li ghandu jigi attribwiet lill-attrici, u dan fid-dawl tad-divergenzi li jirrizultaw mid-diversi rapporti medici presentati. Fil-fatt, Dr. Anthony Galea Debono, imqabbad bhala espert *ex parte* mill-attrici, irrelata li l-attrici issofri minn 20% disabilita' permanenti. Dr. Norbert Vella, imqabbad mis-socjeta' assikutrici biex jezamina lill-attrici, qal li l-attrici tbati minn 6% disabilita'. L-espert mahtura mill-Qorti iffisat id-disabilita' fi grad ta' 15%. Il-Qorti tqies li hi mhix marbuta li ssegwi jew tadotta xi wahda minn dawn il-konkluzzjonijiet, lanqas dik milhuqa mill-perit mediku nominata mill-Qorti (ara, per ezempju, il-kawza "Fenech vs Mizzi noe", decisa minn din il-Qorti fit-2 ta' Gunju, 2005). Il-Qorti qrat bir-reqqa d-diversi rapporti ippresentati, u anke t-twegibiet li l-perit mediku tat fuq domandi *in eskussjoni*, u tara li, fil-kuntest tal-gurisprudenza lokali, r-riferenza ghal-linji ta' gwida mahruga mill-Assocjazzjoni Medika Amerikana ippubblikati fil-ktieb *"Guides to the Evaluation of Permanent Impairment"*, li fuqu strahet il-perit mediku, huwa ftit *"avventuruz"*. Id-dinja tax-xoghol fl-Istati Uniti hi differenti minn dik lokali, u l-kriterji adottati mill-Assocjazzjoni Medika Amerikana mhux bil-fors jghoddu ghall-Malta. Gia din il-Qorti, fil-kawza "Galea vs Galea", decisa fit-28 ta' April, 2003, wissiet kontra l-applikazzjoni b'mod generali ta' kriterji esteri, u dan anke minhabba l-mod ta' kif il-Qrati Maltin jillikwidaw il-kumpens, u l-htiega li tigi stabbilita' mhux id-dizabilita' li l-vittma ikun sofra bhala persuna, izda d-dizabilita' lavorattiva tal-persuna koncernata.

F’dan il-kaz, jirrizulta li d-disabilita’ tal-attrici huwa l-aktar fl-ghonq, li jistghu, skond il-perit mediku, jinterferixxu mal-attivitajiet taghha bi frekwenza moderata. Jidher car li l-perit mediku, meta ikkalkolat il-percentagg ta’ dizabilita’, qieset il-hajja normali ta’ kuljum tal-attrici, tant li irreferit ghac-cirkostanza li d-dizabilita’ ikollu effet moderat *“fl-attivitajiet tal-hajja tal-kuljum”*; huwa, *pero’*, assodat bhala principju illi *“dak li jrid jigi stabbilit mhuwiex grad ta’ inkapacita’ f’sens purament mediku, izda l-effett illi l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat”*: “Butler vs Heard”, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-22 ta’ Dicembru, 1967. Mehud *in konsiderazzjoni* l-fatturi tal-kaz, il-Qorti tara li ghandha tadotta 10% bhala persentagg ta’ dizabilita’ permanenti.

Dwar il-*multiplier*, il-Qorti m’ghandhiex tadotta il-*maximum working life expectancy*, izda ghandha tiehu *in konsiderazzjoni c-chances and changes of life* (ara “Zimelli vs Sammut”, decisa minn din il-Qorti fil-15 ta’ Gunju, 1993, u “Caruana vs Camilleri”, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Frar, 2004). F’kaz ta’ mara ta’ 61 sena li, *pero’*, qabel l-incident kienet attiva hafna f’attivitajiet kummercjali, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawza “Galea et vs Fenech”, decisa fis-16 ta’ Marzu, 2004, adottat *multiplier* ta’ 12. L-attrici ma jirrizultax, f’dan il-kaz, li kellha xi pretensjoni li zzid l-introjtu taghha b’xi attivita kummercjali, ghalkemm dan ma jistax jigi eskluz. Li hu zgur hu illi kieku ma sehhx l-incident *in kwistjoni*, l-attrici kellha certament il-potenzjal li tahdem u taqla’ l-flus, u huwa dan il-potenzjal li l-Qorti trid tivvaluta meta tkun qed tillikwida d-danni. Il-Qorti, ghal-kaz tal-attrici, tara li *multiplier* ta’ 10 ikun wiehed gust.

Dwar l-introjtu tal-attrici, kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fuq kwotata, “Galea et vs Fenech”, il-Qorti ghandha tipprospetta l-probabbilita’ ta’ riduzzjoni fl-introjtu, propju minhabba l-eta’ dejjem tavvanza tad-danneggat. Dan ghalhiex dawn id-danni, ghalkemm jithallsu bil-quddiem, qeghdin jigu komputati fuq firxa ta’ snin futuri. Ghalhekk, il-Qorti tqies li introjtu ta’ Lm5,500 huwa ragonevoli fic-cirkustanza. Minn din is-somma m’ghandu jsir ebda tnaqqis minhabba l-obbligi fiskali jew

socjali li jista' jkollha l-vittma (ara il-kawza "Schembri noe vs Casolani", decisa minn din il-Qorti fid-9 ta' Gunju, 2005, u l-gurisprudenza anterjuri hemm riferita).

Ghalhekk il-kumpens dovut lill-attrici ghandu jigi kkolkolat hekk:

Lm5,500 x 10 x 10% = Lm5,500

Peress li l-incident sehh madwar 4 snin ilu, il-*lump sum deduction*, li soltu tkun kalkolata fuq rata ta' 20%, ghandha, f'dan il-kaz, tkun ta' 16%.  B'hekk, il-kumpens dovut taht il-kap huwa ta' Lm4,620.

L-ammont totali dovut lill-attrici huwa ta' Lm212 *damnum emergens* + Lm4,620 *lucrem cessans*, ghal total ta' Lm4,832.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' *in parte* it-tieni eccezzjoni, u wara li tghaddi biex tilqa' it-talbiet attrici kif dedotti, tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* ihallsu lill-attrici, *in linea* ta' danni, s-somma ta' Lm4,832 (erbat elef, tmien mija u tnejn u tlettin liri Maltin), bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu kwantu ghal-terz (1/3) mill-attrici, u zewg-terzi (2/3) mill-konvenuti flimkien.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------